MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 414/2005/1

**Ian Coleiro**

**vs**

**Gordon Borg**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta’ Ottubru, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti:-
>
> Rat l-avviz tal-atturipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-erbatax (14) ta’ Lulju 2005 fejn talab lil Qorti sabiex tordna lil konvenut ihallsu danni, liema danni ghandhom jigu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti u jirrapprezentaw danni sia attwali kif wkoll futuri sofferti mill-attur meta huwa safa aggredit mill-

konvenut fil-hdax (11) ta’ Mejju 2004 fl-Imsida u kawza t’hekk, l-attur sofra feriti gravi per durata u sfregju fil-wicc.

Ai fini ta’ kompetenza, l-pretenzjoni tal-attur ma tiskorrix l-hamest elef lira maltin (LM5000).

Bl-ispejjez u bl-imghax u b’hekk l-konvenut jibqa ngunt ‘n subizzjoni.

Rat in-nota t’eccezzjonijiet tal-konvenut Gordon Borg ippresentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-hmistax (15) ta’ Novembru 2005 fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi t-talba tal-attur kif dedotta kontra l-eccipjent, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tkun respinta bl-ispejjez kontra tieghu stante li kontrarjament ghal dak premess mill-attur, l-eccipjent ma kellu ebda htija fl-incident in kwistjoni;

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Illi fis-seduta tat-tmienja (8) ta’ Frar 2006 din il-Qorti diversament preseduta, kienet innominat lil Dr. Andrew Borg sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u jiddiskrivi il-feriti sofferti mill-attur. (fol. 12)

Rat illi fis-seduta tat-tmienja (8) ta’ Frar 2006 xehed **Doctor Herman Borg Xuereb** (fol. 13) prodott mill-attur fejn qal li hu kien ezamina lil attur l-ewwel darba nhar l-hdax (11) ta’ Gunju 2004 meta kien mar ghandu jilmenta minn problema li kellu f’imniehru fis-sens li kellu n-naha tax-xellug t’imniehru mblukkata u wara diversi ezamijiet nhar t-tmienja (8) ta’ Novembru 2005, kkonstata li effettivament kellu l-qarquca t’imniehru mcaqalqa lejn x-xellug u din l-istess qarquca fuq in-naha ta’ wara, kienet imcaqalqa fuq in-naha tal-lemin.

Qal li anke l-ghadam tal-imnieher kien imcaqlaq lejn ix-xellug. Qal li bhala notamenti dwar kif sehhew dawn il-feriti, hu ma kellux. Qal li biex dawn il-feriti ikunu jistghu jigu jdentifikati, hemm bzonn li l-attur jissottometti ruhu ghal intervent kirurgiku li kellu jsir meta jmissu. Qal li mir-ricerki li rrizultawlu fil-file, jirrizulta li l-attur kien diga ssottometta ruhu ghal operazzjoni fuq imniehru li ma kellhiex x'taqsam ma dan il-kaz, li kienet pero ghal skopijiet estetici.

Illi nhar il-hamsa (5) ta' Mejju 2006 xehed **Doctor Francis Darmanin** (fol. 25) prodott mill-attur fejn qal li fl-erbgha (4) ta' Frar 2005 hu kien ezamina lil attur Ian Coleiro fl-isptar St. James t'Tas Sliema u kien ipprepara rapport ghal dak li jirrigwarda l-analizi li ghamel li hu datata sitta (6) ta' Frar 2005 li esibixxa kopja tieghu bhala Dok. FD 1 (fol. 26 et seq). Qal li hu kien kkonstata li Ian Coleiro kien qed isofri minn dizabilita permanenti ta' tmienja fil-mija (8%).

**L-attur Ian Coleiro** permezz t'affidavit ippresentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-hamsa (5) ta' Mejju 2006 (fol. 30) qal li f'dak iz-zmien hu kien student tal-Univerista fit-tielet sena fil-Fakulta tal-Edukazzjoni. Qal li sar jaf lil Gordon Borg fl-ewwel sena tal-Universita meta fetah l-kors peress li kellhom *lectures* fuq Geografija flimkien. Qal li dawn il-*lectures* huma parti biss mill-kors tal-Fakulta tal-Edukazzjoni fl-Universita. Qal li lil Gordon Borg kien ilu jafu minn Ottubru 2003 meta nfethet ufficcjalment s-sena universitarja u kienu saru hbieb u darba hargu flimkien.

Qal li nhar l-hdax (11) ta' Mejju 2004, ghal habta tas-sitta w ghaxra ta' filghaxija, hu kien fuq l-i*stage* tal-karozza tal-linja, hdejn r-*roundabout* tal-Universita fuq in-naha li taghti

lejn Tas Sliema, biex imur lura d-dar wara *lecture*, fejn mieghu fil-klassi kien hemm l-konvenut. Qal li hu kien bil-qeghda fl-*istage* w aljenat meta f’daqqa wahda qala daqqa ta’ ponn minn naha tal-lemin tieghu fuq imniehru w ghajnejh. Qal li awtomatikament hu gholla idejh biex jilqa xi daqq’ohra w ipprova jqum bil-wieqfa. Qal li kien biss dak l-hin li rrejalizza x’kien gara u li kien Gordon Borg li kien tah d-daqqa f’wiccu. Qal li kif qam, Gordon Borg gie faccata tieghu u b’dufrejh, girfu fuq in-naha tax-xellug ta’ wiccu u tah gambetta f’saqajh l-leminija. Qal li hu waqa u Gordon Borg qabad miexi lejn *s-subway* li tinsab qrib l-i*stage* fejn kien hu. Qal li sa dak l-hin ma kien hemm kliem ta’ xejn u kien ixxukkjat ghaliex qatt ma basar li kien ser jigrilu xi haga simili u staqsa lil Gordon Borg ghaliex kien agixxa b’dak l-mod fil-konfront tieghu u Gordon Borg irrispondih li ghaliex hu kien gabu b’dahru mal-hajt. Qal li ghalih dan il-kliem ma kienx ghamel sens ghaliex hu qatt m’ghamel xejn lil Gordon Borg.

Qal li sussegwentement Gordon Borg offrielu li jwasslu d-dar u zied jghidlu li pero l-karozza tieghu kienet fejn d-dar tieghu fil- Hamrun. Qal li peress li hu xtaq jara ghaliex kien ghamillu hekk billi ma kienx jaf xi hsara fizika kellu, accetta li jmur mieghu bil-mixi sad-dar tieghu u waqt li kienu mexjin hu u Gordon, dan qallu li kien haseb li hu (Ian Coleiro) xtaq ikeccih mill-progett tal-Geografija li kienu ser jaghmlu flimkien fl-Universita. Qal li Gordon Borg qallu wkoll li dakinhar stess hu kien mar ghand s-Sur Role li hu t-*tutor* taghhom, u staqsih jekk setghax jaghmel l-progett wahdu u minn dak li fehem hu, t-*tutor* kien qallu li ma setghax u kien ghalhekk li hu kien hassu b’dahru mal-hajt w agixxa bil-mod li agixxa. Qal li Gordon qallu wkoll li la darba kien ser jaghmel l-progett mieghu fi grupp ta’ hamsa ohra, hu kien beza’ li hu (l-attur) ma kienx ser inizzillu ismu.

L-attur zied jghid fl-affidavit tieghu, li meta waslu d-dar ta' Gordon Borg, omm Gordon ratu u minnufih bdiet tghid li ma kellu xejn u li sa l-ghada kien ser jghaddilu kollox u talbithom jergghu jaghmlu hbieb. Qal li huma u sejrin bil-karozza ta' Gordon, fil-karozza apparti Gordon, kien hemm ommu li marret maghhom u hu baqa' jistaqsi lil Gordon ghaliex kien ghamillu hekk u Gordon kien irrispondih li ma kellu xejn kontra tieghu. Zied jghid li wara dan l-episodju qatt ma rega' ltaqa ma Gordon Borg, lanqas ma rah l-Universita.

Kompla jghid li meta wasal d-dar qal lil genituri tieghu x'kien gralu u dawn haduh l-emergenza tal-isptar San Luqa w anke l-ENT f'Karen Grech kif wkoll l-X Rays Department fejn gie certifikat li kellu mniehru miksur, kellu grif u black eye. Qal li wara li spicca mill-emergenza, mar l-ghassa tal-pulizija San Giljan u sussegwentement l-ghassa tal-Imsida fejn ghamel rapport. Qal li hu fl-ebda hin ma refa' idejh fuq Gordon Borg jew heddu b'xi mod. Qal li darba minnhom Gordon kien qallu li hu *black belt*. Zied jghid li nhar l-erbatax (14) ta' Mejju 2004 rega' mar l-ENT ghal vista fl-*outpatient* u sabu li kellu fratturi miltipli f'imniehru.

Qal li fis-sittax (16) ta' Mejju 2004 gie operat f'imniehru minn Doctor George Puzio u wara gie dikjarat kemm minn Doctor Puzio kif wkoll minn Doctor Borg Xuereb, li mniehru ma giex iddrittat u li kellhom isiru aktar operazzjonijiet biex imniehru jiddritta u jkun jista jiehu nifs sew. Qal li ghadda minn diversi operazzjonijiet u li kien ghad irid jghaddi minn ohrajn bla garanzija li mniehru jerga' jigi kif kien.

Qal li nhar l-erbgha (4) ta' Frar 2005, hu kien gie ezaminat minn Doctor Francis X. Darmanin

fi klinika privata tieghu fl-isptar St. James f'Tas Sliema u dan irrilaxxja rapport dwar l-hsara fizika li kellu u li kellu jerga jigi operat darb'ohra u li wara l-operazzjoni, kien ghad irid mill-inqas jghaddi tlett gimghat *recovery period*.

Illi nhar d-disgha (9) ta' Gunju 2006 xehed **l-Ispettur Stephen Gatt** (fol. 38) fejn qal li fl-2004 hu kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizija fl-Imsida u fit-tnax (12) ta' Mejju 2004, ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu kien mar l-attur Ian Coleiro jaghmel rapport dwar incident li kien sehh l-gurnata ta' qabel u cioe fil-hdax (11) ta' Mejju 2004 ghal habta tas-sitta ta' filghaxija. Hu esibixxa bhala Dok. SG 1, r-rapport li kien sar minn Ian Coleiro u bhala Dok. SG 2 r-rapport li hejja hu. Qal li a bazi ta' dan r-rapport li kien ghamel Ian Coleiro, hu kien kellem lil Gordon Borg li dan kien allega wkoll li l-attur setgha kien hati ta' reati fil-konfront tieghu w allura l-passi kriminali ttiehdu fil-konfront taz-zewg persuni u cioe Ian Coleiro u Gordon Borg. Qal li l-proceduri fil-konfront ta' Ian Coleiro gew terminati u gie liberat minn kull imputatazzjoni filwaqt li dawk fil-konfront ta' Gordon Borg kienu ghadhom pendenti.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin (22) ta' Marzu 2007 xehed **Doctor Andrew Borg** (fol. 54) fejn ikkonferma li hu kien gie nominat mill-Qorti nhar t-tmienja (8) ta' Frar 2005 sabiex jezamina lil vittma u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu ma dan il-kaz w ghalhekk esibixxa r-rapport tieghu bhala Dok. AB (fol. 57 et seq).

Qal li f'dan r-rapport hu kkonkluda li Ian Coleiro ma kienx ghad ghandu dizabilita permanenti u li kellha ssirlu operazzjoni ohra bla garanzija assoluta ghas-success taghha. Qal li l-ezami li kellu jsir fuq Ian Coleiro kien

wiehed rinoplasti w ghalhekk kien hemm bzonn ta' *re-assessment* wara li ssir din l-operazzjoni li fil-privat, kienet tiswa circa elf lira maltin. Mistoqsi jekk rax c-certifikati medici rilaxxjati mit-tobba precedenti, wiegeb li rahom. Spjega li meta qal li Ian Coleiro m'ghandux dizabilita permanenti, ried ifisser li una volta jaghmel din l-operazzjoni, u din tirnexxi, allura ma kienx ser ikollu dizabilita permanenti. Mistoqsi pero jekk din l-operazzjoni tirnexxix jew le, jghid li hu ikun irid jaghmel *assessment* gdid biex jara jekk jirrizultax dizabilita jew le. Qal li mill-kalkoli tieghu, jghid li f'kaz li Ian Coleiro jiddecidi li ighamel din l-operazzjoni ma jibqalux dizabilita fis-sens li jekk tirnexxi huwa ma jkollux dizabilita pero jekk ma jaghmilx din l-operazzjoni, l-attur jibqa b'dizabilita ta' bejn 5% u 6%.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin (25) ta' Gunju 2007 xehed **l-attur Ian Coleiro** (fol. 78) fejn qal li l-incident in kwistjoni sehh fis-sena 2004 meta hu kien l-ewwel sena l-Universita. Hu esibixxa dokument mahrug mill-Universita ta' Malta dwar l-introjtu li kellu meta kien student bhala Dok. 'Z'. Qal li llum il-gurnata lesta l-kors tal-BA fl-Universita ta' Malta.

Illi nhar l-erbgha (4) ta' Marzu 2008 xehed **Doctor Andrew Borg** in kontr'ezami (fol. 94) fejn mistoqsi x'kien irriskontra meta ezamina lil attur, qal li huwa kellu *obstruction* parzjali minn *nostril* wahda. Mistoqsi x'dizabilita kellu l-attur, wiegeb li meta l-pazjent ma jistax jiehu nifs mill-imieher u jkun jista jiehdu *as mouth breathing*, ikun hemm 2% dizabilita. Qal li f'dan il-kaz, meta jghaddi l-arja mill-imnieher, d-dizabilita permanenti ma teccedix l-1%.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Marzu 2008 l-attur ipprezenta rikors fejn talab in-nomina ta'

perizja perizjuri ghaliex ma kienx qed jaqbel mal-konkluzjoni raggunta mit-tabib Dr. Andrew Borg.

Il-Qorti laqghet it-talba tieghu permezz ta' digriet moghti fl-erbatax (14) ta' April 2008. (fol. 97).

Illi b'digriet ta' din il-Qorti kif preseduta datat disgha (9) ta' Mejju 2008, gew nominati bhala periti perizjuri **Doctor Eileen Borg, Mr. Joe Briffa u Doctor Mario Cachia** bhala Chairman li sussegwentement xehdu nhar t-tnejn w ghoxrin (22) t'April 2009 (fol. 115) meta pprezentaw r-rapport taghhom li gie markat bhala Dok. IC (fol. 117). Ikkonfermaw li huma ezaminaw lil Ian Coleiro nhar t-tlieta w ghoxrin (23) ta' Lulju 2008 u cioe qabel ma raw d-dokumentazzjoni esebita fil-kawza u dan sabiex ikunu jistghu jkunu oggettivi fil-gudizzju taghhom.

Qalu li Ian Coleiro kien qalilhom li fil-hdax (11) ta' Mejju 204 ghal habta tas-sitta ta' filghaxija kien gie aggredit billi qala daqqa ta' ponn fuq l-lemin ta' wiccu, li gie milqut fuq hugbejh kif wkoll fuq imniehru. Qalilhom wkoll li sussegwentement qam bil-wieqfa biex jara x'kien qed jigri madwaru u l-aggressur tieghu hataflu wiccu u fil-fatt spicca b'xi feriti fuq il-naha tax-xellug ta' wiccu. Qalu li skond hu, din kienet girfa qrib ghajnejh li tibqa niezla sa fuq hugbejh lejn halqu. Qalu li skond hu, meta mar biex jiddefendi ruhu, spicca migruf fuq dirghajh l-lemini u li waqa' ghal dahru u weggha n-naha t'isfel ta' dahru. Qalu li skond hu, dan l-episodju dam biss ftit minuti. Spjegalhom ukoll li meta mar d-dar u tal-familja akkumpanjawh l-isptar, fejn rrizulta li kellu tbengil u nhefha fuq wiccu fuq in-naha tax-xellug kif wkoll tbengila fuq n-naha tal-lemin fuq ghajnejh, apparti ugiegh f'dahru n-naha ta' isfel. Fissrilhom

ukoll li, l-ghada beda jirrealizza li kellu problemi f'imnifsejh u hamest ijiem wara kien dahal l-isptar.

Qalu li sussegwentement, huma raw d-diversi dokumenti u l-*history file* tieghu fl-isptar. Spjegaw li huma ezaminawh wara xi erbgha snin li sehh dan l-incident u sabu li fil-fatt l-attur kien ghad kellu *deformity* f'imniehru u kien ghad kellu problemi biex jiehu n-nifs.

Qalu li fil-fehma taghhom, jista jkollu operazzjonijiet kirurgici sabiex jirranga pero jekk dawn isiru jista jkun li ma jkunx hemm rizultati li jkunu daqstant idejali u jispicca b'diformita ghar milli kien qabel. Qalu li fil-fehma taghhom, rrizulta li Ian Coleiro kellu 6% dizabilita.

Fuq domanda specifika lil Mr. Joe Briffa, *plastic surgeon*, kemm iqum intervent bhal dan li kieku kellu jsir dan fuq imnieher Ian Coleiro, dan wiegeb li meta tqis l-ispejjez tal-kirurgu, tal-anestetista u tal-isptar, dawn jitilghu ghal madwar elfejn u tlett mitt euro.

Ikkunsidrat:-

Illi l-konvenut f'dawn il-proceduri ma xehedx w ghalhekk dwar id-dinamika tal-incident il-Qorti ghandha biss dik il-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur.

L-attur spjega li ntortament kien qala daqqa ta' ponn minghand il-konvenut waqt li kien fuq *bus stop* nhar il-hdax (11) ta' Mejju 2004. Bhala rizultat ta' dan l-agir tal-konvenut, l-attur spicca b'xi griehi fuq wicci konsistenti fi sfregju fuq hugbejh u deformita fl-imnieher.

Illi mir-rizultat tal-perizja medika mizmuma mill-esperti f'dan il-qasam, jirrizulta li l-attur ghandu

jghamel operazzjoni ohra li tista tirrangalu din il-problema li ghandu f'imniehru u din tiswa xi elfejn u tlett mitt euro. Jghidu wkoll l-esperti medici, li l-attur pero ghandu dizabilita permanenti ta' sitta fil-mija (6%).

Dwar il-kwistjoni ta' prova, l-Qorti hawn taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad li:-

"*Ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sia fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*"

Issa f'dan il-kaz il-konvenut ma ressaq l-ebda prova kuntrarja ghal dak li pprova l-attur, la rigward id-dinamika tal-incident u lanqas dwar il-feriti subiti mill-attur w ghalhekk din il-Qorti ghandha tistrieh biss fuq dak li pprova l-attur.

Dwar id-*damnum emergens*, l-attur ipprova biss, li sabiex issirlu l-operazzjoni f'imniehru, huwa jrid ihallas is-somma t'elfejn u tlett mitt euro (€2,300). Jekk effettivament nkorra xi spejjez sabiex jikkura ruhu meta sehh l-incident ta' medicinali jew ta' hlasijiet ta' tobba, l-Qorti ma giet mgharrfa b'xejn.

Dwar il-*lucrum cessans* pero, l-attur ma jghid xejn, la dwar l-eta tieghu u lanqas dwar l-introjtu tieghu meta sehh l-incident in kwistjoni.

> Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tasal sabiex tillikwida d-danni li sofra l-attur fit-termini tad-dizabilita li t-tobba medici kkonkludew li ghandu. Tista tasal biss sabiex tillikwwida d-danni materjali li sejjer isofri l-attur sabiex jerga jghamel l-intervent kirurgiku.
>
> Fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'l fuq l-attur, ghalhekk sejjer jinkorri l-ispiza t'elfejn u tlet mitt euro (€2300) u hija din is-somma li din il-Qorti qed tillikwida favur l-attur.
>
> Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li qieghda tilqa it-talba attrici u tiddikjara li l-incident li sehh nhar il-hdax (11) ta' Mejju 2004 sehh tort uniku tal-konvenut u konsegwentement qieghda tillikwida d-danni sofferti minnu fl-ammont ta' elfejn u tlett mitt euro (€2,300) u konsegwentement qieghda tichad l-eccezzjoni tal-konvenut u tikkundannah ihallas lill-attur is-somma likwidata ta' elfejn u tlett mitt euro (€2,300).
>
> Bl-ispejjez u l-imghax dekorribli mill-jum tal-prezentata tal-avviz jithallsu mill-konvenut.**"**

Minn din is-sentenza appellaw kemm l-attur kif ukoll il-konvenut. Ta' l-ewwel jilmenta illi l-ewwel Qorti ghamlet zball grossolan fil-likwidazzjoni tad-danni u dan ghal raguni illi, filwaqt li llikwidat id-danni materjali li hu sofra, ma llikwidatx wkoll id-danni ghad-dizabilita` determinata mit-tobba. Fil-kaz tal-konvenut dan jobbjetta illi l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza jekk l-attur kellux id-dizabilita` bhala kagun ta' l-incident in kwestjoni jew jekk dik l-istess dizabilita` kienetx wahda pre-ezistenti;

Huwa sew pacifiku f'kawza ta' reklam ghal-hlas ta' danni illi din tippartecipa minn zewg stadji – *an et quantum* ossija, id-dikjarazzjoni ta' responsabilita`, u f'kaz ta'

affermazzjoni ta’ dik ir-responsabilita`, l-accertament ta’ l-ezistenza u tal-mizura tad-danni. Ara “**Fava -vs- Vella**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 19 ta’ Frar, 1935 u “**Borg *nomine* -vs- Abela *et***”, Appell Kummercjali, 14 ta’ Mejju, 1954. Iz-zewg appelli devoluti jikkoncernaw dan l-ahhar aspett biss in kwantu l-element tar-responsabilita` mhux qed jigi strettament ikkontestat mill-konvenut appellanti, jekk mhux biex jikkuntrasta r-rabta ta’ dik l-istess responsabilita` fl-incident li ssuccieda mal-fattur dizabilita`;

Hekk il-konvenut appellanti jikkontendi b’allegazzjoni illi, una volta l-attur kien precedentement ghal dak l-incident issubixxa intervent kirurgiku ghal skop estetiku f’imniehru, jista’ jkun il-kaz li dak l-intervent ma rnexxiex u din kienet il-kawza tad-dizabilita` tieghu. In bazi ghal din l-allegazzjoni hi t-tezi ta’ dan l-appellanti illi l-attur qieghed sempliciment jittanta jiehu vantagg mill-incident ta’ bejniethom;

Ghall-ezami ta’ din l-allegazzjoni, u li l-Qorti tqis li ghandha tiddisponi minnha qabel ma tinvesti l-ilment ta’ l-attur, huwa utli li jigu ri-epilogati fil-qosor dawn il-fatti:-

1. Fil-11 ta’ Mejju 2004 l-attur kien il-vittma ta’ daqqa ta’ ponn mill-konvenut fuq imniehru u ghajnejh (ara Affidavit ta’ l-attur a fol. 30);

2. Fil-11 ta’ Gunju 2004 fuq l-ezami kliniku li sarlu mit-Tabib Herman Borg Xuereb gie kkonstatat illi l-attur kellu sew il-qarquca kif ukoll l-ghadam ta’ l-imnieher imcaqalqa lejn ix-xellug. Dan ix-xhud zied jghid illi fuq ir-ricerki li ghamel irrizultalu illi l-attur kien diga ssottometta ruhu ghall-operazzjoni fuq imniehru ghal skopijiet estetici, u ma kellha xejn x’taqsam mal-kaz prezenti. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 13;

3. Fl-4 ta’ Frar 2005 l-attur gie ezaminat mit-Tabib Francis Darmanin li stabilixxa li dan kien qed isofri minn dizabilita permanenti ta’ tmienja fil-mija (8%). Dan kif jinzel mir-rapport tieghu a fol. 26;

4. Dr. Andrew Borg bhala l-ewwel espert nominat mill-Qorti rrelata illi jekk jaghmel operazzjoni ahharija l-attur ma jibqalux dizabilita` permanenti. In mankanza, huwa jibqalu dizabilita` ta’ bejn 5% u 6%. Dan wara li vverfiika illi l-attur kienet diga saritlu operazzjoni ohra wara l-incident ghall-fini tar-riduzzjoni tal-ksur fl-imnieher. Ara r-rapport tieghu a fol. 57 *et sequitur*;

5. Finalment, minn dak sottomess mill-periti medici perizjuri fir-rapport taghhom a fol. 117, “*over four years from the initial injury there is still residual nasal deformity and functional airway obstruction*”;

Premessi dawn il-fatti, din il-Qorti tistqarr illi b’mod assolut ma taqbel xejn mar-ragonament tal-konvenut appellanti tant ghaliex mhux issussidjat mill-elementi ta’ provi, tant ghaliex ukoll hu bazat merament fuq spekulazzjoni u kongetturi. Il-fatt li antecedentement ghall-incident l-attur ghamel intervent kirurgiku ghall-iskop ta’ estetika ma jfisserx, lanqas lontament, illi d-dizabilita` rizultanti kienet tinsab f’ness ta’ kawza u effett ma’ dak l-intervent, u mhux ukoll, kif hekk sorrett mill-provi u l-verifiki medici, mad-dannu fiziku prodott mill-incident ipprovokat mill-istess konvenut. Kuntrarjament ghal dak dedott mill-appellanti, l-attur ma kellux ghalfejn jipprova li dak l-ewwel intervent li ghamel ma kellhiex effetti negattivi fuqu. Dan ghaliex l-inkombenza tal-piz tal-prova f’kaz ta’ din ix-xorta kienet tghabbi fuq spallejh u b’dizimpenn illi hu jallaccja d-dizabilita li sofra mal-kondotta illecita tal-konvenut. Prova din li hu rnexxielu jaghmel b’mod konvincenti, bis-suffragju wkoll tad-diversi opinjonijiet medici;

Fl-ahhar mill-ahhar il-problema tirreduci ruhha f’wahda ta’ apprezzament ta’ provi, l-aktar dik li tinzel mill-prova oggettiva kostitwita mill-perizji ta’ l-esperti medici kkonsultati. Ghal dak li hu l-aspett l-aktar vitali minnhom tinzel illi “*there was a significant injury to both bony and soft tissues*” (ara rapport tal-Kirurgu Francis X. Darmanin, fol. 70). Dan kif ripetut fir-relazzjoni ta’ l-espert mediku Dr

Andrew A. Borg (fol. 62) u wkoll f'dik tal-periti addizzjonali (fol. 118) konfermanti d-devjazzjoni tan-*nasal pyramid* u tan-*nasal septum* lejn ix-xellug, kollox kombinat mad-*depression on the right side of the nose which appears to be due to an* <u>*injury*</u> *to the right upper lateral cartilage*";

Taht dawn ic-cirkostanzi, u fl-assenza wkoll ta' xi sottomissjoni b'ragunijiet serji li gravement jiskossaw dawk l-accertamenti u konkluzjonijiet medici, mhux ghal din il-Qorti li taccetta d-deduzzjonijiet spekulattivi tal-konvenut appellanti u dak ta' l-invit tieghu lil din il-Qorti biex tmur kontra l-opinjonijiet awtorevoli ta' l-esperti nominati minnha. L-ilment tieghu qieghed konsegwentement jitqies inattendibbli;

Ghall-konsiderazzjoni ta' l-aggravju sottopost mill-attur appellant, opportunement jibda biex jigi osservat illi skond il-previzjoni tal-ligi fl-Artikolu 1045 (1) tal-Kodici Civili d-dizabilita` naxxenti b'rizultat dirett u prossimu ta' l-incident trid tkun wahda permanenti, totali jew parzjali, ghall-fini li l-attur jikkonsegwi danni rekuparabbli minghand il-konvenut li ta lok ghalihom. Fil-kaz prezenti dan hu skontat in kwantu tezisti l-prova ta' din id-dizabilita` permanenti mid-diversi konkluzjonijiet peritali;

Ugwalment, huwa skontat mill-prova illi fil-mument ta' l-incident l-attur kien ghadu student universitarju jikkonsegwi kors (BA) fil-Fakolta ta' l-Edukazzjoni ghal-liema kien jircievi stipendju (ara dokumenti relattivi a fol, 80 u 81). Skond ma jinghad mill-appellanti huwa temm dan il-kors b'success. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 78 tal-process;

Affermat dan, kif inhu saput, il-ligi tikkonfigura l-pregudizzju rizarcibbli f'*damnum emergens* u *lucrum cessans*. Kwantu ghal dawn l-ahhar speci r-riljev attribwit mill-Qrati taghna fi skorta ta' decizjonijiet – ukoll jekk minn certa ottika permezz ta' process spinuz u tormentat ghal

dik li hi r-ricerka tal-metodu ta' likwidazzjoni l-aktar idoneja – hu rapprezentat mit-telf ta' qligh, il-percentwali tad-debilita` u l-eta` tad-danneggjat. Ukoll b'dan il-kriterju ghandu jinghad b'osservazzjoni illi certi Qrati ma naqqsux milli jadottaw atteggjament flessibbli in bazi ghall-pekuljarita` tal-fattispeci tal-kaz konkret. Forsi huwa opportun li jigi hawnhekk rilevat ukoll illi l-kwalita` tal-persuna danneggjata – sija jekk haddiem, *self-employed*, student jew pensjonant – ma teskludix il-jedd ghall-konsegwiment tar-rizarciment tad-danni. In partikolari, fil-kaz ta' student, jidher li l-likwidazzjoni tad-danni ghal-lukru cessanti solitament issir billi wiehed jirrikorri ghall-prezunzjoni in bazi ghat-tip ta' xoghol li, presumibilment, dak l-istudent kien ser jaghmel fil-futur, terminat il-kors ta' studju, jew, ghaliex le, skond xi inklinazzjoni manifesta tieghu. Fejn jonqsu l-elementi probatorji fir-rigward huwa solitu illi l-Qrati jirrikorru b'referenza ghal dak tad-dhul bazat fuq il-paga minima nazzjonali;

Issa fil-kaz prezenti l-ewwel Qorti ma llikwidatx il-*lucrum cessans* ghaliex ikkonsidrat illi l-attur ma ressaqx provi la dwar l-eta` tieghu u lanqas dwar l-introjtu tieghu. Invece, hi llikwidat id-*damnum emergens* billi ffissathom fis-somma ta' €2300 biex taghmel tajjeb ghall-operazzjoni li trid issirlu. Effetivament, jidher li l-Qorti influwenzat ruhha minn dak sottomess minn wiehed mill-periti addizzjonali fil-kors ta' l-eskussjoni li, fuq mistoqsija posta lilu, iddikjara li dak l-intervent, "meta tqis l-ispejjez tal-kirurgu, ta' anestesista u ta' l-isptar dawn jitilghu madwar elfejn u tliet mitt euro" (fol. 116, *in calce*);

Effettivament din id-deduzzjoni tal-Qorti hi errata fuq zewg livelli. Il-wahda, ghaliex dik ic-cifra ma kienet qatt tirrientra taht il-kappa tad-*damnum emergens* ossija skond il-vot tal-ligi fl-Artikolu 1045(1) "l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara", trattasi ta' spiza prospettabbli ghall-futur. Fit-tieni lok, ghaliex dik l-istess Qorti ma kellhiex ghalfejn tassumi li dik l-operazzjoni ser issir. *Multo magis,* imbaghad, meta l-opinjonisti medici kollha kkawtelaw, b'riferiment ghal dik l-istess operazzjoni

illi "m'ghandix garanzija assoluta fuq is-success taghha" (ara xhieda ta' Dr. Andrew Borg, fol. 54) u dan ghaliex, fil-fehma tal-periti addizzjonali, "*surgery also involves the risk that the end result may be worse than Mr Coleiro's present deformities due to the potential collapse of the supporting framework of the nose*" (fol. 119/120);

Fl-assenza ta' provi dwar spejjez attwali ta' tobba u medicini, l-ewwel Qorti kellha ssegwi l-perkors li jwassalha ghal-likwidazzjoni unika tal-lukru cessanti ghaliex din kienet hekk possibbli gjaladarba anke ghaliha kienu maghrufa l-elementi ta' l-eta` fil-mument ta' l-incident [19-il sena bazat fuq il-kalkolu ta' ID Nru. 353985M fid-dokumenti a fol. 80 u 81 in referenza ghad-data ta' l-incident (11 ta' Mejju, 2004)] u l-percentwali tad-dizabilita` (6%). Lanqas ma kellu jkollha diffikolta l-ewwel Qorti biex tassenja t-telf ta' qligh ghal quddiem ghaliex, anke jekk jigi osservat illi l-attur ma pprovda ebda taghrif dwar kemm dan seta' jkun, jew effettivament ghal xoghol ekwivalenti konness ma' dak ghal liema kkonsegwa l-kors ta' studju, dik il-Qorti xorta` wahda, linejarment ma' gurisprudenza stabbilita, setghet dejjem tadotta bhala mudell ta' kalkolu l-kriterju tal-paga minima nazzjonali;

Fil-konkret dan jitraduci ruhu ghall-komputazzjoni illi, adottata dik il-paga minima nazzjonali (Lm53.88 fil-gimgha b'effett mill-1 ta' Jannar, 2004 skond Avviz Legali 418 tas-sena 2003) u b'applikazzjoni ta' *multiplier* ta' 25 sena u dizabilita` ta' 6%, taghti ammont gross ta' erbat elef mitejn u zewg liri, erbgha u sittin centezmu (Lm4202.64). Meta minn din is-somma jitnaqqas 16% ghal *lump sum payment*, trattasi li l-incident sehh kwazi sitt snin ilu, il-figura netta hi dik ta' tlett elef hames mija u tletin lira, tnejn u ghoxrin centezmu (Lm3530.22), ossija tmint elef mitejn tlieta u ghoxrin euro u ghoxrin centezmu (€8223.20). Hija din is-somma li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur, una volta li l-ilment ta' dan jinsab li hu gustifikat u l-appell tieghu sostenut.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qeghda fl-ewwel lok tichad l-appell principali tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu. Fit-tieni lok l-Qorti qed tilqa' l-appell principali ta' l-attur u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-konvenut responsabbli ghall-incident u ghad-dizabilita` permanenti subita mill-attur izda tirrevokaha in kwantu ghal-likwidazzjoni tad-danni billi invcece tikkundanna lill-konvenut jivversa lill-attur in linea ta' danni l-ammont ta' tmint elef mitejn tlieta u ghoxrin euro u ghoxrin centezmu (€8223.20), flimkien ma' l-imghaxijiet mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjez kollha tal-prezenti procedura.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------